# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**DIGRIET**

**Illum 14 ta' Marzu 2022**

Fl-atti tat-Talba Nru: **212/2021 JG**

Fl-ismijiet

**GasanMamo Insurance Limited**

**Vs**

**Lee Martin et**

It-Tribunal;

Ra r-rikors tal-konvenut Lee Martin datat 19 ta' Lulju 2021 tramite liema huwa talab il-kjamat in kawża ta' ċertu Sandro Degabriele għar-raġunijiet hemm imfissra[1];

[1] Rikors jibda a fol 23 tal-proċess.

Ra r-risposta tas-soċjetá attriċi datata s-17 ta' Novembru 2021, permezz ta' liema hija oġġezzjonat għat-talba hawn issa diskussa għar-raġunijiet hemm miġjuba;

Ra li dawn il-proċeduri tħallew *inter alia* għad-digriet fuq din it-talba fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2022;

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi permezz tar-rikors hawn issa deċiż, il-konvenut Lee Martin qiegħed jitlob li jiġi kjamat in kawża f'dawn il-proċeduri ċertu Sandro Degabriele għaliex, skond hu, l-istess konvenut kienet biegħet lil dan Degabriele il-vettura li tifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri (ċioé dik li kienet involuta f'xi inċident) iżda dan tal-aħħar naqas milli jirreġistra din il-vettura mal-Awtoritajiet konċernati. Jgħid għalhekk li dan Degabriele għandu jifforma parti minn dan il-ġudizzju għaliex huwa hu li għandu jirrispondi għal-lanjanza tas-soċjetá attriċi.

Illi qabel kull kunsiderazzjoni ulterjuri, it-Tribunal ikollu jirrimarka li m'huwiex sodisfatt bil-mod kif saret din it-talba. Irid jiġi mfakkar li dan it-Tribunal huwa prinċipalment regolat b'liġi speċjali. Meta allura, konvenut jixtieq li jwessá xi litiġju fil-konfront ta' terz, għandu jsegwi dawk ir-regoli[2]. B'hekk il-konvenut kien messu mexa b'dak il-mod jekk ried li jitwessá dan il-litiġju[3]. Madanakollu,

---

[2] Regola 6 tal-L.S. 380.01 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Ltd vs John Bonnici**, (Talba Nru: 111/2018) deċiża fis-17 ta' Ottubru 2019. Ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joany Mizzi vs Leo Grech et**, (Talba Nru: 350/2013) deċiża minn dan it-Tribunal, diversament presedut, nhar is-26 ta' Ġunju 2014. Dawn iż-żewġ sentenzi ma ġewx appellati. Per kompletezza issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Thomas Spagnol et vs Hicham Elsayed Gad Abdelhady et,** (Talba

it-Tribunal xorta sejjer iqis din it-talba speċifika (magħmula ai termini tal-artikoli 961 u 962 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi huwa minnu u aċċettat li l-Qrati tagħna, maż-żmien, taw interpretazzjoni aktar wiesgħa ta' dak rikjest sabiex tirnexxi talba bħal din. Jista' jissokta jingħad ukoll li l-eżami li għandu jiġi utilizzat huwa wieħed *prima facie*[4].

Illi issa, l-istitut tal-kjamat in kawża, jew kif aħjar kien jiġi imsejjaħ fil-passat bħala l-intervent koatt, ġie diskuss diversi drabi[5], u ġie utilizzat ukoll sabiex jiġu salvagwardjati ċertu interessi[6]. Fil-każ tagħna huwa l-konvenut li qiegħed jitlob li jiġi kjamat terz, b'dan għaliex possibbilment skond hu, jista jagħti l-każ li sussegwentement għal dawn il-proċeduri tinqala' ħtieġa t'azzjoni oħra. Dak li

Nru: 497/2018) mogħtija minn dan it-Tribunal kif presedut nhar id-29 ta' Novembru 2021 li kompliet tħaddan din il-fehma.

[4] Fis-sentenza fl-ismijiet **Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro vs Professur Edwin J. Borg Costanzi noe,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-14 ta' Awwissu 1975 (mhux pubblikata) inghad illi, "*imma tant fil-kjamata kemm fl-intervent volontarju, il-prova m'ghandhiex bzonn tkun izzejjed rigoruza u hi, kif fuq rajna, bizzejjed li l-interess ikun jezisti prima facie. Kif qalet ir-Rota Romana, 12 ta' Dicembru, 1845, Romana interventus, coram De Magno: «Levissimæ etiam probationes sufficiunt ad effectum tertium vocandi ad causam».*"

[5] Fost diversi, pertinenti li ssir referenza għal-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Eric Mamo et vs Wismayer**, (Ċit Nru: 981/01) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Diċembru 2001. Per kompletezza, issir referenza wkoll għal dak li ntqal fil-provvediment fl-ismijiet **Peter Gatt noe vs Mark Schembri et,** (Rik Nru 104/12) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-20 ta' Lulju 2020.

[6] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Markezino Anthony Cremona Barbaro LL.D. v. Dr. Albert Cilia Vincenti M.D. et**, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-14 ta' Lulju, 1997 fejn dwar dan l-istitut intqal hekk: "*jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali prinċipalment (a) dik li jintegra ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi uħud minnhom jitħallew barra; u (b) dik li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra, bħala konsegwenza tagħha.*" Ukoll, issir referenza partikolari kemm għal dak deċiż kif ukoll għar-rakkolta ġurisprudenzjali li tinsab fil-provvediment mogħti fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Ellul et vs AX Hotel Operations Limited et,** (Ċit Nru 104/2015) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' April 2015.

qiegħed jawspika l-konvenut huwa li t-terz mitlub minnu possibbilment ikollu wkoll interess direttament miegħu u mhux neċessarjament mas-soċjetá attriċi[7].

Illi t-Tribunal qies sew l-argumenti tas-soċjetá attriċi u filwaqt li jqishom kollha lodevoli, qiegħed jikkampa biss fuq triq possibbilment aktar kawta sabiex jittanta joqtol jew jevita minn issa proċeduri oħra eventwali. Jekk imbagħad jirriżulta li dan it-terz ma jista qatt jirrispondi għat-talbiet tas-soċjetá attriċi, jew li huwa totalment estranju għal din il-kwistjoni, t-Tribunal sejjer iqis dan naturalment fil-kap tal-ispejjeż.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi billi jilqá t-talba tal-konvenut Lee Martin kif magħmula fir-rikors tad-19 ta' Lulju 2021 u għalhekk jordna li Sandro Degabriele jiġi kjamat in kawża a spejjeż tal-istess konvenut Lee Martin.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju huma riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[7] Fil-provvediment fil-kawża fl-ismijiet **Aġent Accountant General et vs George Xuereb noe,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kummerċjali nhar il-15 ta' Marzu 1991 intlaqa' l-appell wara li ġie riaffermat hekk: *"Il-kjamata in kawża għandha fost oħrajn il-funzjoni li tkun preżenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament mal-atturi iżda mal-konvenut in kwantu dan tal-aħħar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur għal kull dannu li jista' jsofri għaliex ikun dan li fil-konfront tiegħu jrid jirrispondi. Il-preżenza tas-sub-appaltatur għalhekk hija utili għaliex telimina l-possibilitá ta' komplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-eżekuzzjoni tax-xogħol – kemm għaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li eżegwixxa x-xogħol, u kemm għaliex dan tal-aħħar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avvanzax difiża valida u effiċjenti fil-konfront tal-atturi – b'hekk ġie bata huwa".*